MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Numru 24/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Duncan Scerri**

***... omissis ...***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta’ Settembru 2013 kontra Duncan Scerri u *omissis* li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Duncan Scerri, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru: 544075M, u *omissis*, talli (1) fis-26 ta’ April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data, assoċjaw ma’ xulxin u/jew ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħu

jew jittraffikaw id-droga kokaina f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni; (2) fis-26 ta’ April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data, kellhom fil-pussess

konxju tagħhom id-droga kokaina kontra l-liġi u taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (3) fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw id-droga eroina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ kontra l-liġi; (4) fis-26 ta’ April 2007 u fis-sitt xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess konxju tagħhom id-droga eroina kontra l-liġi; (5) lil Duncan Scerri waħdu talli fis-27 ta’ April 2007 u fis-sitt xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga eroina kontra l-liġi, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (6) lil Duncan Scerri waħdu talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha; (7) lil *omissis* waħdu talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokaina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ kontra l-liġi; (8) lil *omissis* waħdu talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta’ Lulju 2014 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Duncan Scerri, tat-18 ta’ Ġunju 2014, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil dik il-Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti ta’ l-akkużat Duncan Scerri għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn dik l-istess Qorti, wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 b’żewġ gradi, għandha tkun waħda ta’ priġunerija effettiva għal perijodu ta’ disa’ (9) snin flimkien ma’ multa ta’ ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ ħtija ai termini tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta b’inkluż il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkużat; wara li rat illi waqt is-seduta tat-18 ta’ Ġunju 2014, l-akkużati, mistoqsija jekk humiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża, it-tnejn wieġbu billi stqarru illi huma kienu ħatja tar-reati hemm dedotti kontra tagħhom; wara li rat ukoll illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba u tathom ftit taż-żmien biex jerġgħu lura minnha, kifobbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużati t-tnejn baqgħu itennu t-tweġiba li huma kienu ħatja; iddikjarat għalhekk lill-imsemmijin Duncan Scerri u *omissis* ħatja talli:

(1) fis-26 ta’ April tas-sena elfejn u sebgha (2007), u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data, assoċjaw ma’ xulxin u/jew ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew

barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw id-droga kokaina f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jewippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assoċjazzjoni;

(2) fis-26 ta’ April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data, kellhom fil-pussess konxju tagħhom id-droga kokaina meta ma kinux

fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima

V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenzja

jew xort’oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kinux b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess tagħhom; u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli imsemmija, u b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tagħhom;

(3) fis-26 ta’ April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data, fornew jew ipprokuraw, jew offrew li jfornu jew jipprokuraw d-droga

eroina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avżaw l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kienu awtorizzati bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jfornu d-droga msemmija, u mingħajr ma kienu fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima V u VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellhom liċenzja jew kienu xort’oħra awtorizzati li jimmanifaturaw id-droga imsemmija, u mingħajr ma kellhom liċenzja li jipprokuraw l-istess droga.

(4) fis-26 ta’ April 2007 u fis-sitt xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, kellhom fil-pussess konxju tagħhom id-droga eroina meta ma kinux fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kinux bil-liċenza jew xort’oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu id-droga msemmija, u ma kinux b’xi

mod ieħor bil-licenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kinux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Lil-Duncan Scerri waħdu ħati talli:

(5) fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess konxju tiegħu d-droga eroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-

Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga

ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma

kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

(6) fis-27 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet

tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-

Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi;

Lil *omissis* waħdu ħati talli:

(7) fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer,

forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokaina lil xi

persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta` l-1939

għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita` apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u

mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta` l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura

l-istess droga;

(8) fis-26 ta' April 2007 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer,

kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra

awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għas Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija u dan kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f) (2)(a)(i)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ir-regoli 2, 4(a), 9, 10 u 16 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 ta' l-1939] u l-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li applikat b'żewġ gradi fil-konfront taż-żewġ akkużati, ikkundannat lil Duncan Scerri għal piena ta' prigunerija ta' disa' (9) snin, flimkien ma multa ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) u lil *omissis* għal piena ta' priġunerija ta' tmien (8) snin, flimkien ma multa ta' għoxrin elf ewro (€20,000). Ordnat illi jekk il-multi ma jitħallsux puntwalment, jiġu kkonvertiti f' sena priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre kkundannat lill-ħatja jħallsu s-somma ta' elfejn sitt mija u tlieta u għoxrin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€2,623.12) kull wieħed, rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment ordnat li, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' dik il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali

distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll is-segwenti:

**"Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);**

**"Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Duncan Scerri għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Duncan Scerri ppreżentat fit-30 ta' Lulju 2014 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija u tħassarha u tirrevokaha billi tapplika piena anqas ħarxa u idoneja fiċ-ċirkostanzi; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju wieħed li huwa dwar il-piena. L-appellant jesprimi s-sorpriża tiegħu għad-distinzjoni li għamlet l-ewwel Qorti bejn il-pieni nflitti fuq iż-żewġ ko-akkużati, distinzjoni li saret għal raġunijiet li, skond l-appellant, ma seta' jifhimhom ħadd. L-appellant jgħid illi f'dan il-każ huwa għamel nota ta' patteġġjament mal-Avukat Ġenerali fejn kien maqbul li l-piena tkun ta' disa' snin priġunerija u multa ta' ħamsa u għoxrin elf euro, filwaqt illi l-ko-akkużat l-ieħor ma' qabilx ma' dan u ħalla d-deċiżjoni f'idejn il-Qorti. L-appellant jgħid ukoll:

"Illi bejn il-partijiet kollha, ossia l-Avukat Generali, id-difiza tal-esponenti u anke d-difiza tal-ko-akkuzat l-iehor kien hemm qbil univoku li l-akkuzati kellhom involviment ugwali bejniehtom. Illi jinghad dwar dan li minn harsa lejn l-atti, kien jirrizulta ampjament li l-involviment ta' Laouini kien ferm u ferm aktar onoruz minn dak tal-esponenti li kellu biss jittrasporta d-droga minn Ghajn Tuffieha sa Pembroke, izda l-esponenti rraguna li la

darba kien ser isir il-patteggjament allura ghazel l-aktar triq prattika ta' nuqqas ta' diffikultajiet imqanqla biex jinghata sentenza u dan il-kaz jigi fi tmiem;

"Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha quddiemha xenarju fejn wiehed mill-akkuzati qabel li jaccetta disa' snin habs u l-iehor le, izda li l-partijiet qablu li kollha kellhom l-istess involviment. Illi li kieku l-Ewwel Qorti riedet verament taghmel gustizzja u mhux tnigges lil min riedet tnigges bis-sentenza taghha, setghet jew tikkundanna liz-zewg akkuzati disa' snin habs effettiv jew li tallontana ruhha minn dak miftiehem mal-Avukat Generali fin-nota ta' patteggjament u tikkundanna liz-zewg akkuzati l-istess piena ta' tmien snin habs u l-istess multa.

"... Illi f'dan il-kaz mhux si tratta ta' appellanti li qed jilmenta li l-Qorti marret oltre minn nota ta' patteggjament izda ta' persuna li sab ruhu f'sitwazzjoni legali anomala u ingusta ghall-ahhar minhabba l-mod kif iddecidiet l-Ewwel Qorti....

"Illi jinghad li l-uniku rimedju, u 1-esponenti hawn jittama li f'dina s-sitwazzjoni anomala ghal ta' 1-anqas isib l-abbraccjament tal-Avukat Generali, li jista' jkun hemm f'dan il-kaz hija illi s-sentenza ta' habs effettiv almenu u anke l-multa jigu ridotti bhal dawk tal-ko-imputat l-iehor ...."

**6.** Din il-Qorti tibda biex tgħid li fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuż appell mill-piena sakemm din tidħol fil-parametri prefissi mil-liġi. Dan għaliex min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull każ din il-Qorti u Qrati oħra ta' l-appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le. Fil-każ odjern, l-appellant ammetta wara li kien sar patteġġjament ma' l-Avukat Ġenerali u a bażi ta' tali patteġġjament. L-ilment tiegħu, pero`, huwa li min kien ko-akkużat miegħu ma ppatteġġjax, ammetta u ngħata piena iżgħar minn tiegħu meta, skond l-appellant, il-kolpevolezza kienet l-istess.

**7.** Issa, fejn si tratta ta' disparita` fil-piena mogħtija, il-Qrati Ingliżi kellhom okkażjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-ġurisprudenza wieħed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

"Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

"'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.'"

**8.** Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

> "Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?' (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."

**9.** Naturalment jekk ir-reita` ta l-appellant u ta' Walid Laouini kienet l-istess, din il-Qorti tista' tapprezza li l-appellant ħass *"a sense of grievance"* bid-disparita` fil-pieni. Għalhekk din il-Qorti trid teżamina jekk il-piena mogħtija lill-appellant kinitx waħda severa wisq fiċ-ċirkostanzi. Dak li ċertament mhuwiex aċċettabbli għal din il-Qorti hu li biex tirriduċi sentenza waħda toħloq sitwazzjoni fejn ikun hemm *"two, rather than one, over-lenient penalties"*.

**10.** Għal dan il-fini l-Qorti fliet bir-reqqa kollha l-atti kollha tal-kawża u b'mod partikolari l-atti tal-kumpilazzjoni fejn jinsabu miġbura l-provi kollha li nġabu mill-prosekuzzjoni. Filwaqt illi kemm l-appellant kif ukoll Laouini jgħidu li kien l-istess Laouini illi kien se jġib il-kokaina mingħand terz peress illi dan it-terz kien

avviċina lil Laouini, il-verżjonijiet dwar min kellu jkun id-destinatarju ta’ din id-droga huma kontrastanti. L-appellant jgħid illi Laouini kien għamel kuntatt ma’ ċertu Reno filwaqt illi Laouini jgħid illi kien l-appellant li kien għamel tali kuntatt. Fi kwalunkwe każ, in kwantu jirrigwarda t-tnaqqis li jista’ jsir skond l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, tali tnaqqis isir meta min jakkwista d-droga jidentifika lill-persuna li mingħandha jkun akkwista tali droga u l-informazzjoni tkun suffiċjenti sabiex il-Pulizija taqbad lil dik il-persuna li tkun pprovdiet id-droga. L-artikolu 29 tal-Kap 101 fil-fatt jipprovdi testwalment: **“Meta dwar persuna misjuba ħatja ta’ reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-proċess li dik il-persuna tkun għenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-mediċina, jew il-persuna misjuba ħatja kif intqal qabel tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk għenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar priġunerija, bi grad wieħed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b’terz jew b’nofs.”**

**11.** Bħalma ntqal f’**The Republic of Malta v. Tony Johnson** deċiż min din il-Qorti fit-23 ta’ Ottubru 2014:

> “**27.** The meaning of this article is clear. A reduction in punishment takes place when the person found guilty in terms of Chapter 101 **“has helped the Police <u>to apprehend</u> the person or persons who <u>supplied</u> him with the drug”** (emphasis by the Court). This meaning cannot be extended to include a situation where such person helps the Police apprehend the person for whom the drugs were destined or the person who may have acted as an intermediary – although such assistance may be taken into consideration by the Court in determining the appropriate punishment.”

**12.** Għalkemm, fil-każ in eżami, sar tnaqqis b’żewġ gradi skond l-artikolu 29 imsemmi fil-konfront taż-żewġ ko-akkużati, jirriżulta li kien Walid Laouini li akkwista l-kokaina, u kien hu li indika lill-Pulizija l-persuna li mingħandha kien akkwista dik il-kokaina. Huwa minnu illi meta l-appellant xehed fl-14 ta’ Mejju 2007 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati semma lill-istess persuna, iżda mill-istess xiehda tiegħu jirriżulta illi lanqas ma ra l-*handing over* tad-droga lil Laouini. Ix-xiehda tiegħu hi semmai korroborattiva ta’ dak li qal Laouini. Jiġifieri strettament l-artikolu 29 ma kienx applikabbli għall-appellant.

**13.** Din il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi fil-pussess ta' l-appellant instabu 45.133 grammi eroina, b'purita` ta' circa 37.3%, li fuq is-suq miftuh kienet iġġib il-prezz ta' elfejn u sitta u sebgħin euro u tnax-il ċentezmu (€ 2076.12), ammont mhux iriżorju, u kien proprju għalhekk li ġie akkużat b'pussess "aggravat".

**14.** Huwa minnu illi Walid Laouni ġie akkużat ukoll illi forna d-droga kokaina. Skond l-Att ta' Akkuża tali kokaina ġiet fornita lill-appellant stess sabiex jikkonsmaha. Ma jirriżultax, pero`, il-*quantum*.

**15.** Laouini ġie akkużat ukoll b'pussess ta' 2.484 grammi raża tal-cannabis, b'purita` ta' circa 7.3%, li fuq is-suq miftuħ kienet iġġib il-prezz ta' ħmistax-il euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€ 15.92). Mill-banda l-oħra għand l-appellant instabu erbatax-il żerriegħa tal-cannabis, u wara eżami magħmul mill-espert maħtur mill-Qorti rriżulta li sebgħa minn dawn l-erbatax-il żerriegħa kienu nibtu. Il-potenjal ta' tali żerriegħa hija għalhekk evidenti.

**16.** Inoltre mbagħad hemm il-fattur illi l-appellant kien aċċetta, bis-saħħa tal-patteġġjament li kien sar ma' l-Avukat Ġenerali, il-piena li ġiet inflitta fuqu. L-artikolu 453A(2) jipprovdi:

> **"Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri, mitluba kif provdut fissubartikolu (1) ikunu tali li kien ikun leġittimu illi hija timpani mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-ħtija u ma jkollhiex għaliex tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 453(2) jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu, il-qorti għandha, meta ssir lammissjoni ta' ħtija tal-imputat, tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-deċiżjoni tagħha li ssentenza li tkun qegħda tingħata tkun qegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet."**

L-ewwel Qorti kienet evidentement sodisfatta li s-sanzjoni kienet waħda leġittima. Ċertament kienet waħda fil-parametri tal-liġi u, bħalma qalet l-ewwel Qorti, kienet tieħu wkoll in konsiderazzjoni tnaqqis bis-saħħa ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

**17.** Fid-dawl ta' dawn il-fatturi kollha, tenut kont ukol tal-fatt illi l-piena nflitta fuq Laouini ma tistax tiġi deskritta bħala waħda *"over-lenient"*, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ilment ta' l-appellant mhuwiex ġustifikat.

**18.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi ż-żmien sabiex jitħallsu l-ispejjeż peritali u sabiex l-Avukat Ġenerali jindika permezz ta' nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma'proċeduri kriminali kontra terzi jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------